



Brussell, 25 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14446/23

SOC 700
EMPL 496
SAN 601

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol Fatra tas-Sur Cristian OLTEANU, membru għar-Rumanija, minflok is-Sa Victorița Mihaela GRIGORE, li rriżenjat

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għie infurmat bir-riżenja tas-Sa Victorița Mihaela GRIGORE bħala membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-aġenzija msemmija hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem (għar-Rumanija).
2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94, membri tal-Bord tat-Tmexxija jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, l-organizzazzjoni tal-impjegaturi BusinessEurope nnominat lill-kandidat li ġej għal dan is-siġġu għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2027:

Is-Sur Cristian OLTEANU
Concordia Employers' Confederation
Ion Ghica Street 13
Bucharest 030167
Tel. +40731 199 415
Indirizz elettroniku: cristian.olteanu@blackseaog.com ; office@confederatia-concordia.ro

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill:

- (a) jadotta, bħala punt "A" fl-aġenda tiegħu, id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA); u
- (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru

tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/126 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

1. Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tat-28 ta' Marzu 2023², il-Kunsill ħatar membri u membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' April 2023 sal-31 ta' Marzu 2027.
2. Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Victorița Mihaela GRIGORE, sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem.
3. L-organizzazzjoni tal-impjegaturi BusinessEurope nnominat kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 30, 31.1.2019, p. 58.

² ĠU C 116, 31.3.2023, p. 19.

Artikolu 1

Is-Sur Cristian OLTEANU huwa b'dan maħtur membru tal-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sa Victorița Mihaela GRIGORE, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2027.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., nhar ...

Għall-Kunsill

Il-President
